

Brussell, 13 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

9327/16

ECOFIN 487
UEM 229
SOC 341
EMPL 237
COMPET 314
ENV 355
EDUC 210
RECH 200
ENER 217
JAI 474

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Spjegazzjonijiet tal-modifiki għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin l-ispeġazzjonijiet tal-modifiki għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għal kull Stat Membru (Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-programmi nazzjonali ta' riforma 2016 tal-Istati Membri u li jagħtu l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-programmi ta' stabbiltà u ta' konverġenza tal-Istati Membri).

Din in-nota tirriżulta mill-Artikolu 2-ab(2) tar-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill: il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-Rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament bil-ħsieb li jiġu żgurati trasparenza u responsabbiltà akbar fil-proċess ta' sorveljanza multilaterali u r-riżultati tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fil-Kuntest tas-Semestru Ewropew.

Nota ta' spjegazzjoni

- Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri taħt is-Semestru Ewropew 2016 -

L-Artikolu 2ab)(2) tar-Regolament 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsima "Djalogu ekonomiku", jiddikjara li "*Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament*".

Fir-rigward ta' din ir-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-ispjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (RSP) dwar Stati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2016 li dwarhom il-Kummissjoni ma taqbilx.

Il-Kunsill qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

Ġermanja

RSP 1

Test tal-Kummissjoni:

Tikseb xejra sostnuta 'l fuq fl-investiment pubbliku, speċjalment fl-infrastruttura, fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni, billi tuża l-ispazju fiskali disponibbli u billi tipprijoritizza l-infiq.

Test maqbul:

Tikseb xejra sostnuta 'l fuq fl-investiment pubbliku, speċjalment fl-infrastruttura, fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni, filwaqt li jiġi rispettat l-oġettiv fuq terminu medju.

Spjegazzjoni:

Intlaħaq qbil li l-bidla ma tbiddilx ir-rakkomandazzjoni għall-pajjiż b'mod sostanzjali, filwaqt li tevita referenza għal kunċett (jiġifieri l-ispazju fiskali) li mhuwiex definit fil-PST.